**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta` Marzu 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Ian Abdilla)**

**Vs**

**Andre' Bernard Farrugia**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Andre' Bernard Farrugia** karta tal-identita numru 170862M , gie akkuzat talli bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Dicembru 2002, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew mghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Approprijajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' iktar minn LM10,000 ghad-dannu tal-kumpaniji A.X. Holdings Group u Holiday Resorts Ltd., liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghek.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-10 ta' Marzu 2006 (ara *folio* 121) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 185);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment, fosthom dik ta` l-imputat minn jeddu;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi dan il-process, bhal hafna ohrajn, kien gie distrutt minhabba nirien li kienu hakmu l-awla fejn kien qed jinzamm lura fis-sena 2004. Il-Qorti, diversament preseduta, kienet allura ordnat li l-process jigi rikostruwit (ara verbal tal-05/07/2005 *a folio* 2). Din il-Qorti trid necessarjament toqghod fuq ir-rizultanzi processwali wara tali rikostruzzjoni tal-process. In oltre, dan il-process kif rikostruwit, kien gie ghand din il-Qorti kif issa hija preseduta in segwitu ghall-assenjazzjoni ufficcjali li saret f'Awwissu 2013 wara li l-Magistrat sedenti kien gie elevat ghal Imhallef;

**Ikkunsidrat**;

Illi fl-udjenza tal-5 ta` Settembru 2014 (ara *a folio* 185), id-difiza ghamlet accenn ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-Qorti innotat, wara ezami akkurat tal-verbali kollha f'din il-kawza u wara li qieset sew is-sottomissjonijiet finali tad-difiza, illi mkien ma jirrizulta li d-difiza invokat formalment l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Madanakollu, il-fatt biss li d-difiza ghamlet accenn ghal tali kwistjoni, kien fattur bizzejjed li gieghel li jiskatta fuq il-Qorti l-obbligu li tinvestiga dan il-punt, stante li l-kwistjoni tal-preskrizzjoni hija kwistjoni ta` ordni pubbliku li ghandha tigi sollevata mill-Qorti *ex officio*. Ghalhekk, qabel ma din il-Qorti tidhol fuq il-kwistjoni tal-mertu, trid necessarjament tindirizza l-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Huwa f'kaz u f'kaz biss li

din il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ma tirrizultax, li allura mbaghad din il-Qorti trid tghaddi ghall-ezami tal-mertu biex tara jekk hemmx reita` jew le.

Il-Qorti, in vista ta` din il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, ezaminat l-atti bir-reqqa u setghet tistabbilixxi illi l-imputat kien deher l-ahhar quddiem din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-19 ta` Ottubru 2007 (ara *folio* 157). Sussegwentement, fl-udjenza tas-7 ta` Mejju 2012, din il-Qorti diversament presjeduta halliet il-kawza *sine die* peress illi ma kien deher hadd ghal tali udjenza (ara *folio* 178).

Wara assenjazzjoni ufficjali ta` numru ta` kawzi, fosthom il-prezenti kawza, f'Awwissu tas-sena 2013, din il-Qorti kif issa presjeduta, b'digriet *in camera* tas-26 ta` Awwissu 2013, ordnat li din il-kawza tigi rikjamata u titpogga fuq il-lista ghall-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2013. Sussegwentement, quddiem din il-Qorti kif presjeduta, <u>l-imputat gie notifikat ghall-ewwel darba biex jidher quddiemha propju fis-sena 2014</u> (ara *folio* 185) – <u>aktar minn sitt snin wara li kien deher l-ahhar quddiem din il-Qorti diversament presjeduta lura fis-sena 2007</u>. Il-Qorti rat li fl-atti ma hemm ebda prova li xi darba matul dan il-perjodu ta` aktar minn sitt snin izda anqas minn seba snin imsemmi, l-imputat gie notifikat. Dan hu li jikkostitwixxi l-bazi ta` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, li issa qed tigi investigata minn din il-Qorti.

Stabbilit dan il-fattur taz-zmien kif espost hawn fuq, issa jehtieg li din il-Qorti tqis r-reati addebitati lill-imputat. Fl-att tac-citazzjoni originali l-imputat ingieb biex jirrispondi ghall-imputazzjoni ta` approppriazzjoni indebita bl-aggravju, kif prospettata fl-Artikoli 293 u 294, moqrija flimkien, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Sussegwentement, l-Avukat Generali, permezz tar-*rinvio a giudizio* tal-10 ta` Marzu 2006 (ara *folio* 121), iddecieda li jibghat lill-imputat biex jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, u dana peress illi l-istess Avukat Generali deherlu li mill-kompilazzjoni kondotta, setghet tinstab il-htija taht l-Artikoli 18, 293, 294 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Kif inhu stabbilit, din il-Qorti hi marbuta ma l-Artikoli tal-Ligi li jkun indika l-Avukat Generali fir-*rinvio a giudizio* mibghut minnu. Ukoll, skond l-Artikolu 689 tal-Kodici Kriminali :-

*Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva.*

Dan kollu jfisser illi ghall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kwistjoni tal-preskrizzjoni, din il-Qorti ghandha tikkoncentra biss fuq l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali.

F'dan l-istadju issa din il-Qorti trid necessarjament tindaga fuq kwistjoni ohra u cioe` jekk hemmx diskrepanza bejn il-ligi kif inhi llum u l-ligi kif kienet qabel Dicembru 2002. Dan ghaliex l-imputazzjoni taqra " .. *talli bejn l-1 ta` Jannar 2000 u l-31 ta` Dicembru 2002* …".

Il-Ligi kif inhi llum taqra hekk :

***293.*** *Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar.*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

***294.*** *Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

F'dan il-kuntest, din il-Qorti rat l-Att III tas-sena 2002, Att li jemenda l-Kodici Kriminali, fejn setghet tistabbilixxi illi qabel l-emendi tas-sena 2002 introdotti bl-Att III, il-massimu tal-piena skond l-Artikolu 293 kienet sa disa xhur prigunerija, filwaqt li l-massimu tal-piena skond l-Artikolu 294 kienet sa sena prigunerija.

Il-Qorti qed tirriproduci t-test originali ta` dawn l-emendi introdotti bl-Att III tas-sena 2002, u cioe` :

A 344

Emenda ta' l-artikolu 276A tal-liġi prinċipali.

**54.** Fl-artikolu 276A tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "ħamsa u sittin sena" għandhom jidħlu l-kliem "sittin sena".

Emenda ta' l-artikolu 293 tal-liġi prinċipali.

**55.** Fl-artikolu 293 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "għal żmien mhux iżjed minn disa' xhur" għandhom jidħlu l-kliem "minn tliet xhur sa tmintax-il xahar".

Emenda ta' l-artikolu 294 tal-liġi prinċipali.

**56.** Fl-artikolu 294 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "minn ħames xhur sa sena." għandhom jidħlu l-kliem "minn seba' xhur sa sentejn.".

Emenda ta' l-artikolu 295 tal-liġi prinċipali.

**57.** Fl-artikolu 295 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "minn ħames xhur sa sena" għandhom jidħlu l-kliem "minn seba' xhur sa sentejn" u minflok il-kliem "minn sitt xhur sa tmintax-il xahar" għandhom jidħlu l-kliem "minn disa' xhur sa tliet snin".

Emenda ta' l-artikolu 296 tal-liġi prinċipali.

**58.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 296 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "minn ħames xhur sa tmintax-il xahar" għandhom jidħlu l-kliem "minn ħames xhur sa sentejn.".

Emenda ta' l-artikolu 297 tal-liġi prinċipali.

**59.** Fl-artikolu 297 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "minn seba' xhur sa sentejn." għandhom jidħlu l-kliem "minn disa' xhur sa tliet snin.".

Emenda ta' l-artikolu 308 tal-liġi prinċipali.

**60.** Minnufih wara l-artikolu 298B tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Użurja.

298C. (1) Kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, mgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tmintax-il xahar u għall-ħlas ta' multa minn elf lira sa ħmistax-il elf lira.

(2) L-istess piena msemmija fis-subartikolu (1) tapplika għal kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi servizz li jkun jikkonsisti f'xi benefiċċju ieħor ta' liema xorta jkun, mgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi jew li jkun xort'oħra sproporzjonat b'mod grossolan mas-servizz mogħti.

Minn ezami ta` dan kollu, kemm jekk skond il-ligi kif inhi bhalissa, u kemm jekk skond il-ligi qabel l-emendi tas-sena 2002, jirrizulta li l-piena massima kkontemplata ghar-reati addebitati lill-imputat hija dik ta` mhux aktar minn sentejn prigunerija – dejjem tenut kont ta` l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali.

Il-Qorti issa trid allura tirreferi ghad-dispost ta` l-Artikolu 688 tal-Kapitolu 9 u cioe` :

**688.** *Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –*

*(a) bl-egħluq ta' għoxrin sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn għoxrin sena;*

*(b) bl-egħluq ta' ħmistax-il sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn għoxrin sena u mhux anqas minn disa' snin;*

*(ċ) bl-egħluq ta' għaxar snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn disa' snin u mhux anqas minn erba' snin;*

*(d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;*

*(e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;*

*(f) bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet, u għall-inġurji bil-fomm suġġetti għall-pieni talkontravvenzjonijiet.*

Il-Qorti rat dawn l-Artikoli flimkien u tqis li l-perjodu preskrittiv ghar-reat migjub ta` approppriazzjoni indebita bl-aggravju kontra l-imputat u kif prospettat fl-Artikoli 293 u 294, kemm qabel l-emendi tas-sena 2002 u kemm bl-istess emendi, huwa dak ta' mhux aktar minn hames snin. Meta wiehed iqis allura, li mill-atti jirrizulta li kienu ghaddew mhux anqas minn sitt snin bejn notifika w ohra ta` l-imputat, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, *qua* eccezzjoni ta` ordni pubbliku, hija fondata u timmerita ghalhekk li tigi akkolta.

**Konkluzjoni;**

**Ghall-mottivi premessi din il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tiddikjara li l-azzjoni kontra l-imputat hija kolpita bil-preskrizzjoni u konsegwentement qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni skond il-ligi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur